MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 51/2013/1

**Josette Bugeja**

**v.**

**Citadel Insurance plc u Joseph Fenech**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrenti minn sentenza moghtija fid-9 ta' Jannar 2015 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonai taghha li permezz taghha dik il-Qorti, fuq riferenza maghmula lilha mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-gurisdizzjoni superjuri generali taghha ["il-Qorti tal-Magistrati"], iddecidiet li n-notifika li saret lir-rikorrenti skont id-dispozizzjonijiet tal-Avviz Legali 421/04 [senjatament l-Artikolu 20] ma kienitx leziva ghad-dritt taghha ghal smigh xieraq; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

2. Il-proceduri odjerni originaw fuq talba maghmula mir-rikorrenti fil-kawza numru 3/2009 fl-ismijiet premessi sabiex issir riferenza kostituzzjonali peress li, skont hi, in-notifika maghmula lilha permezz tal-pubblikazzjoni skont l-Artikolu 20 [2] tal-Avviz Legali 421/04 illediet id-dritt taghha ghal smigh xieraq skont l-Artikolu 39[2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6[1] tal-Ewwel Skeda tal-Kap.319.

3. Fl-udjezna tal-25 ta' Gunju 2013 l-imsemmija Qorti tal-Magistrati laqghet it-talba sabiex issir ir-riferenza fit-termini segwenti:

> "Il-Qorti, b'referenza ghar-rikors tal-attrici tal-10 ta' April 2013, in vista tad-depozizzjoni tar-rapprezentanti tac-Centru Malti ghall-Arbitragg tal-5 ta' Frar 2013, u peress li jista' jaghti kaz li l-mod kif jigu notifikati l-atti lill-persuna li tkun giet imharrka biex tirrispondi ghall-kawza quddiem ic-Centru tal-Arbitragg jista' jaghti lok ghal nuqqas ta' smigh xieraq in vista tal-fatt li tali persuna mhux

necessarjament tkun saret taf bil-kawza permezz ta' notifika li tkun saret f'wahda mill-gazzetti lokali u dan sabiex tigbor l-atti tal-kawza li tkun infethet kontra taghha; billi ghalhekk jista' jaghti lok illi tali mezz ta' notifika jista' jivvjola l-art.39[2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-art. 6 sub inciz 1 tal-ewwel skeda tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta; taghmel referenza kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex din tiddeciedi dwar il-kwistjoni jekk in-notifika ta' l-atti ta' kawza li tkun giet prezentata quddiem ic-Centru tal-Arbitragg lill-kontroparti permezz ta' pubblikazzjoni f'gazzetta lokali tivvjolax [l-imsemmija artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali]."

**<u>Il-Fatti</u>**

4. Fil-qosor il-fatti relevanti huma dawn. Fit-18 ta' Novembru 2006 waqt li r-rikorrenti kienet qed issuq il-vettura taghha numru KPL 827 kellha incident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru PIO 166. Sussegwentement inbdew proceduri quddiem it-Tribunal [Arbitragg numru 1157/2007] da parti tal-intimati Citadel Insurance plc u Joseph Fenech kontra r-rikorrenti Josette Bugeja, liema proceduri gew konkluzi b'decizjoni tas-17 ta' Mejju 2008 li biha l-istess Josette Bugeja kienet instabet unikament responsabbli ghall-incident.

5. Fit-12 ta' Jannar 2009 ir-rikorrenti istitwiet proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn fis-sustanza talbet li l-proceduri quddiem it-Tribunal jigu dikjarati nulli u bla effett peress li hi "qatt ma [kienet] giet notifikata validament" bl-istess proceduri, kemm ghax kienet biddlet l-indirizz residenzjali taghha[1] u ghalhekk in-notifiki kienu marru fl-indirizz hazin, kif ukoll ghax fin-notifika pubblikata ma kienx fiha dettalji sufficjenti dwar il-proceduri istitwiti kontra

[1] Rizultat ta' inkwiet matrimonjali

taghha quddiem it-Tribunal, senjatament iz-zewg notifiki “ma jaghtux deskrizzjoni tat-talba fil-konfront [taghha] u lanqas jaghtu d-data tal-appuntament li jmiss”. Ir-rikorrenti ssostni li hi kienet saret taf b’dawn il-proceduri wara li kienet irceviet ittra datata 3 ta’ Novembru 2008 mibghuta minn Citadel Insurance. Ghalhekk issostni li l-*lodo* ma jaghmilx stat fil-konfront taghha u l-proceduri quddiem it-Tribunal huma nulli.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.

> “Illi kif jidher mill-premess, ir-rikorrenti qed tallega li fil-proċeduri msemmija quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, ġew miksura d-drittjiet fundamentali tagħha bażikament għaliex matul il-kors tal-proċeduri in kwistjoni ma ġietx notifikata regolarment peress li wara li t-tentattiv ta’ notifika tagħha kien negattiv, saret in-notifika permezz tal-pubblikazzjoni f’gażżetta lokali kif tipprovdi appuntu l-liġi relattiva.”

……………Ommissis……………

> “Illi l-awturi **Jacobs and White** (The European Convention on Human Rights, paġna 140) jgħidu illi:

> > “***Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no***

> ***jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.***

> "***The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6."***

"Illi kontrarjament għat-teżi tas-soċjeta' intimata Citadel (kif imsemmi fin-nota tagħha), din il-Qorti ma tistax teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tirrifjuta li tisma' l-kawża skont l-artikolu 46 (2) għas-sempliċi raġuni li din il-vertenza quddiemha hija riferenza minn Qorti oħra. (Ara s-sentenza **"Pulizija vs Ellul Sullivan"**, Qorti Kostituzzjonali 19 ta' April 2012). Għalhekk independentement jekk Josette Bugeja kellhiex rimedji ohra, din il-Qorti jkollha tieħu konjizzjoni tal-ilment tagħha.

"Illi l-istess Bugeja tilmenta illi hija ma kinitx għadha toqgħod fil-fond li saret in-notifika anke permezz tal-pubblikazzjoni msemmija u allura ġie nfrant il-principju *'audi alteram partem'*sanċit mhux biss mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni iżda li huwa kkunsidrat wieħed mill-prinċipji kardinali tal-ġustizzja naturali.

"Illi bħala rimedju pero' l-Qorti taqbel mal-kontenut tas-sentenzi ċitati mill-istess soċjeta' respondenti illi r-rimedju għandu jkun wieħed mhux a dispożizzjoni taċ-ċittadin f'liġijiet oħra, u huwa ċar li dan ir-rimedju Josette Bugeja kellha u fil-fatt istitiwit il-kawża in kwisjoni fejn talbet li l-Qorti tiddikjara li l-*award* arbitrali in kwistjoni ma kellux effett fil-konfront tagħha; jekk messhiex istitwit kawża ta' ritrattazzjoni għandha naturalment tarah dik il-Qorti.

"Illi hu x'inhu, il-problema nqalgħet għaliex l-istess Bugeja naqset li tinforma lil min kellha tinforma li hija ma baqgħetx tirrisjedi fl-istess lok fejn kienet reġistrata, u allura ladarba ma ġietx notifikata bil-meżżi normali, bilfors irid ikun hemm meżż biex din in-notifika ssir bl-akbar pubbliċita` possibbli. Dan hu

rifless anke fl-artikolu 187 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li tiegħu prattikament l-Avviż Legali 421/04 li jirregola n-notifiki għar-rigward tal-Arbitragg huwa riflessjoni. Għalhekk l-imsemmija Josette Bugeja ma tistax issa tilmenta minn sitwazzjoni li ġabitha fuqha hija stess. L-inċident stradali in kwistjoni seħħ f'Novembru 2006 u kien biss f'Marzu 2007 li hija rreġistrat it-tibdil fl-indirizz. Kif sewwa tgħid is-soċjeta' Citadel, l-uniku aċċess li kellha għall-indirizz kien fir-rapport tal-Pulizija dwar l-inċident, u għalkemm il-proċeduri bdew f'April 2006, hija ma kellha ebda opportunita` li tkun taf b'dan it-tibdil.

"Illi huwa minnu li l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, iżda ma għandhomx iservu ta' paraventu biex isolvu l-problemi ta' min jonqos mid-doveri tiegħu jew ikun traskurat f'ċertu materji. Altrimenti f'sitwazzjonijiet identiċi għall-każ attwali, parti tista' tistultifika l-proċeduri billi tiddikjara indirizz falz u notifika bil-mezz normali ma tkun tista' ssir qatt."

**L-Appell**

7. Dan hu bazat fuq aggravju wiehed li hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma ndirizzatx il-kwezit skont it-termini tar-riferenza maghmula lilha mill-Qorti Riferenti. Tghid li l-kwistjoni li kellha tiddeciedi l-ewwel Qorti "ma kienx jekk Josette Bugeja kellhiex process xieraq fil-meritu" imma "jekk l-Artikolu 20[2] tal-Avviz Legali 421/04 illi jipprovdi illi n-notifika bl-affissjoni tkun meqjusa li saret b'semplici avviz fil-gazzetta li jghid li gew dipozitati dokumenti fil-konfront ta' persuna tkun intitolata li tmur tigborhom, huwiex [vjolattiv tal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati]."

8. Ghalhekk fir-rikors prezentat minnha fl-20 ta' Jannar 2015 ir-rikorrenti qed titlob ir-revoka tas-sentenza appellata u tiddikjara l-Artikolu 20[2] tal-Avviz legali 421 bhala li jilledi l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati, bl-ispejjez kontra l-intimati.

9. Min-naha taghhom l-intimati, b'risposta prezentata fil-5 ta' Frar 2015, talbu li, ghar-ragunijiet indikati fl-istess risposta, din il-Qorti tichad l-appell, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

10. L-artikolu de quo huwa dak numru 20[2] tal-avviz legali 420/04 li jaqra hekk:

> "(2) Meta l-ittra registrata ma tigix aççettata jew ma tkunx tista' xort'ohra tintbaghat f'dak l-indirizz ghal xi raguni li tkun, ir-Registratur jista' jippubblika avviz f'gurnal lokali ta' kuljum li fih jiddikjara li d-dokument li ghandha ssir il-kunsinna tieghu jkun gie depozitat fir-Registru u li dak id-dokument ghandu jitqies bhal li jkun gie riçevut mill-persuna indikata fl-avviz hamest ijiem tax-xoghol wara d-data meta jkun gie pubblikat dak l-avviz."

11. Din il-Qorti tibda biex tosserva li l-pregudizzjali kif tohrog mit-termini tar-Riferenza hija jekk in-notifika li saret lir-rikorrenti skont id-dispost fuq indikat hijiex leziva tad-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrenti. Fi kliem iehor, dak li qed

jigi attakkat huwa l-kostituzzjonalita` tal-Artikolu 20[2], inkwantu li din il-ligi tista' tkun leziva tad-dritt ghal smigh xieraq f'kazijiet fejn persuna intimata fi proceduri quddiem it-Tribunal, ghalkemm legalment notifikata bil-mezz tal-pubblikzzjoni skont l-imsemmi subinciz, verament ma tkunx taf bil-proceduri istitwiti kontra taghha, bir-rizultat li tinghata decizjoni minghajr ma l-intimata kienet fil-pozizzjoni li tiddefendi ruhha f'dawk il-proceduri.

12. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ladarba f'dawn il-proceduri qed tigi attakkata l-kostituzzjonalita` ta' ligi mahruga mill-iStat, anke jekk limitatament ghall-applikazzjoni taghha ghall-fatti ta' dan il-kaz, allura l-iStat bilfors legalment ghandu jkun rapprezentat f'dawn il-proceduri, ghax is-sentenza li tinghata bilfors tikkoncerna lill-iStat, stante li tirrigwarda l-validita` o meno ta' ligi tal-istat.

13. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijet premessi din il-Qorti tissolleva li f'dan il-kaz, ladarba l-iStat mhux rapprezentat f'dawn il-proceduri, hemm nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju li jwassal ghan-nullita` tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

__**Decide**__

Ghar-ragunijiet premessi, u mhux ghal dawk kontenuti fl-aggravju tal-appell, tilqa' l-appell fis-sens li tiddikjara nulla s-sentenza appellata u tordna li l-atti odjerni jigu rimandati lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, sabiex il-proceduri jitkomplew wara li jigi kjamat fil-kawza l-Avukat Generali.

L-ispejjez ta'dan l-appell jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------